**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna B.A. LL.D.**

**Illum, 14 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 7A/99**

**Anthony sive Tony Depasquale, Marie-Therese Depasquale, Joseph Depasquale Schranz, Edward Depasquale u Anna Depasquale Schranz f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' l-imsiefra Maria Dolores sive Doreen Psaila**

**vs**

**Francesco Fenech u martu Antonia Fenech, ghal kull interess illi jista' jkollha**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremettew illi huma jikru lill-intimat Francesco Fenech l-ghalqa msejha "Tal-Barumbara", fit-trejqa tal-Barrani, fil-limiti taz-Zejtun, tal-kejl ta' sitt (6) itmiem, siegh u tliet (3) kejliet, bil-qbiela ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fis-sena illi tithallas kull hmistax (15) ta' Awissu b'lura;

Illi, stante illi l-qbiela attwali hija baxxa, l-esponenti jridu jaghmlu tibdil fil-kondizzjonijiet tal-kirja f'eghluq it-terminu taghha fis-sena illi jawmentaw il-qbiela ghal sittin lira Maltin (Lm60) fis-sena;

Talbu illi dan il-Bord jogghbu jawtorizza tibdil fil-kondizzjonijiet tal-kirja hawn fuq imsemmija fis-sens illi l-qbiela tigi awmentata ghal Lm60 fis-sena jew ghal dak l-ammont illi dan il-Bord jidhirlu xieraq. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha esponew illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi z-zieda mitluba hija fic-cirkostanzi eccessiva u l-qbiela attwali diga' hija oghla mill-qbiela li tithallas ghal raba iehor vicin ir-raba in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri ( fol 4 tal-process)

Ra id-digriet moghti fit-13 ta' Gunju 1999 a fol 6 tal-process li permezz tieghu gew nominati l-Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud kif ukoll ra ir-relazzjoni relattiva annessa mal-atti fis-17 ta' Novembru 1999.

Ikkunsidra

Illi l-istess periti issottomettew li il-qbiela in ezami ghandha tigi ffissata u awmentata ghal Lm29 fis-sena u dan a bazi tal-istess relazzjoni li ghandha tifforma parti integrali ta' din id-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti "in parte" u jawtorizza li il-qbiela li ghandu jithallas mill-intimati fuq l-ghalqa imsemmija "Tal-Barumbara" fit-trejqa tal-Barrani fil-limiti taz-Zejtun tal-kejl ta' sitt (6) itmiem, siegh u tlett (3) kejliet, jigi awmentat ghal Lm29 fis-sena u dan mill-iskadenza li taghlaq fil-15 ta' Awissu 2000.

In rigward spejjez kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg.